MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Numru 613/2011

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli
Spettur Spiridione Zammit)

vs

Charles Gouder

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 413372M, akkuzat talli:

1. gewwa Rahal Gdid nhar it-12 ta’ Mejju 2011 ghal-habta tas-1:00 ta’ fil-ghodu, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioè serq minn vettura ta’ l-ghamla Peugeot 205 b-in-numru tar-registrazzjoni DAU-561, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u

indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi 232.94 Ewro izda li ma jeccediex 2,329.37 Ewro, u dan ghad-detriment ta’ Italo Sultana u/jew persuni ohra.

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioè hsara fl-imsemmija vettura, liema hsara taccedi 116.47 Ewro izda ma taccediex 1,164.69 Ewro u dan sar ghad-detriment ta’ l-imsemmi Italo Sultana u/jew persuni ohra.

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb permezz ta’ turnavit ghall-imsemmi Italo Sultana, Digor Sultana u Ciaxan Sultana.

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Digor Sultana skond kif iccertifika Dr M. Caruana M.D. reg. No. 2069 mill-Poliklinika ta’ Rahal Gdid.

Il-Qorti mitluba li f’kaz ta’ htija titratta lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dr A Micallef Trigona LL.D. datata 23 ta’ Frar 2009, kif ukoll b’sentenza moghtija lilu mill-Magistrat Dr A Mizzi LL.D. datata 31 ta’ Ottubru 2007, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi wara li fl-udjenza tas-17 ta’ Mejju ta’ din is-sena xehdu d-derubat u hutu li stqarrew kif kienu sabu l-imputat fil-vettura ta’ huhom bi stereo tal-vettura f’idejh, l-imputat fl-udjenza tal-lum ghazel li jirregistra ammissjoni fl-liema huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra. Din l-ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata u

tissuplementa x-xhieda li nstemghu (almenu f’dak li jirrigwarda l-fatt li kien fil-vettura bl-istereo taghha gia’ maqlugh) u l-istqarrija rilaxxjata minnu.

Issa l-imputat jinsab akkuzat bit-tentattiv ta’ serq, bl-ikkagunar ta’ hsara volontarja riferenti l-vettura u li kkaguna ferita’ ta’ natura hafifa permezz ta’ tornavit fl-istess tentattiv li jisraq. Il-kontravenzjoni dedotta fir-raba’ akkuza hi ghaldaqstant assorbita fl-ahhar imputazzjoni.

Intant, l-akkuza tipprospetta t-tentattiv ta’ serq kwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Rat ghalhekk l-Artikolu 261(b)(c)(g), 263(a), 264(1), 270, 271(g), 278(1)(3), 221, 17, 31, 49, 50 tal-Kap 9.
Tiddikjarah hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------